

DEĊIJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/2246**tad-19 ta' Diċembru 2019**

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt CETA fir-rigward tal-adozzjoni tal-Lista tal-Arbitri skont l-Artikolu 29.8 tal-Ftehim

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħħa l-oħra (il-“Ftehim”) ġie ffismat fit-30 ta’ Ottubru 2016.
- (2) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/38⁽¹⁾, partijiet mill-Ftehim ġew applikati b'mod proviżorju mill-21 ta’ Settembru 2017.
- (3) L-Artikolu 29.8.1 tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konġunt CETA, stabbilit skont l-Artikolu 26.1 tal-Ftehim, jistabbilixxi lista ta’ 15-il persuna li huma lesti u kapaċi jaqdu l-funzjoni ta’ arbitru.
- (4) Jixraq, għalhekk, li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt CETA billi d-Deċiżjoni ser tkun vinkolanti għall-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt CETA fir-rigward tal-adozzjoni tal-lista tal-arbitri skont l-Artikolu 29.8 tal-Ftehim għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt CETA mehmuż ma’ din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta’ Diċembru 2019.

*Għall-Kunsill**Il-President*

K. MIKKONEN

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/38 tat-28 ta’ Ottubru 2016 dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħħa l-oħra (ĠU L 11, 14.1.2017, p. 1080).

ABBOZZ**DEĊIŻJONI Nr. .../2019 TAL-KUMITAT KONĠUNT CETA****ta' ...****li jistabbilixxi lista ta' arbitri skont l-Artikolu 29.8 tal-Ftehim**

IL-KUMITAT KONĠUNT CETA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħħa l-oħra (“il-Ftehim”), u b'mod partikolari l-Artikoli 29.8 tiegħu,

Billi:

- (1) B'konformità mal-Artikolu 30.7.3 tal-Ftehim, partijiet mill-Ftehim ilhom japplikaw proviżorjament mill-21 ta' Settembru 2017.
- (2) Skont l-Artikolu 29.8.1 tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt CETA għandu jistabbilixxi lista ta' 15-il persuna li huma lesti u kapaċi jaqdu l-funzjoni ta' arbitru. Il-lista tal-arbitri għandha tkun magħmula minn tliet sublista: sublista waħda għal kull Parti u sublista waħda ta' persuni li ma huma ċittadini tal-ebda Parti biex jaġixxu bħala presidenti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

1. Il-lista tal-arbitri għall-finijiet tal-Artikolu 29.8 tal-Ftehim kif tinsab fl-Anness hija b'dan stabbilita.
2. Din id-Deċiżjoni ssir effettiva fid-data tal-adozzjoni tagħha mill-Kumitat Konġunt CETA.

Magħmul fi ...,

Għall-Kumitat Konġunt CETA

ANNESS

IL-LISTA TAL-ARBITRI STABBILITA SKONT L-ARTIKOLU 29.8 TAL-FTEHIM

Sublista għall-Kanada:

1. Serge Fréchette
2. Valerie Hughes
3. Matthew Kronby
4. Debra Steger
5. J. Christopher Thomas
6. Cherise Valles

Sublista għall-UE:

1. Claudio Dordi
2. Michael Hahn
3. Pieter Jan Kuijper
4. Hélène Ruiz Fabri
5. Peter Van den Bossche

Sublista ta' Presidenti:

1. James Bacchus
 2. Christian Häberli
 3. Daniel Moulis
 4. David Unterhalter
 5. Seung Wha Chang
-